

# L-Istatwarju Carlo Darmanin

## (1825-1909)

## Għalaq 90 sena mejjet - X'ħadem għal Ħal Qormi



*Kitba ta' Joseph Giorgio*

Nhar il-15 ta' Novembru 1999, għalaq 90 sena mejjet Carlo Darmanin. Kien miet fil-għomor ta' 85 sena, f'290, Triq il-Kbira San Ġużepp, f'Santa Venera. Carlo Darmanin kien artist ċelebri, magħruf għall-vari u statwi tal-kartapesta.

Il-ġenituri ta' Carlo Darmanin kienu Ġużeppi u Marija mwielda Cumbo. Meta żżewġu marru joqogħdu l-Belt fil-Parroċċa ta' San Pawl. Wara l-ewwel wild tagħhom, li kienu semmewh Giovanni, ma damux ma telqu mill-Belt u marru joqogħdu l-Isla. Fi Triq il-Vitorja, Ġużeppi fetaħ il-ħanut tax-xogħol tiegħu. Huwa kien jaħdem l-irħam, jiġifieri kien marmista. Hawnhekk twieled Carlo Darmanin fit-30 ta' Awissu 1825. Tgħammed fil-Kolleġġjata ta' l-Isla.

Meta kellu 23 sena Carlo Darmanin, iżżewweġ mara minn Ħal Għaxaq, u mar joqgħod l-Isla fid-dar ta' missieru, fejn kien jaħdem. Wara xi żmien marru joqogħdu Santa Venera (dak inhar il-Ħamrun) u hemm fetaħ il-ħanut il-ġdid tax-xogħol tiegħu. Hawnhekk, Carlo baqa' msemmi għall-għadd kbir ta' vari sbieħ li ħadem. Jingħad li martu kienet isservih ta' mudella fit-tiswir tal-vari tiegħu. Hawnhekk kienet mititlu l-mara Anna, fit-28 ta' Awissu 1897.



*L-abbozz ta' l-istatwa ta' qtugħ ir-ras ta' San Ġorġ wara l-istatwarju Carlo Darmanin.*

Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu vari tal-Madonna, qaddisin, vari għall-festi sekondarji, vari tal-Ġimgħa l-Kbira, u statwi għall-armar tat-triqat, fi żmien il-festi ta' l-ibliet u l-irħula tagħna. Ħafna minn dawn l-istatwi ta' l-ibliet u l-irħula tagħna għadna ngawduhom sal-ġurnata ta' llum.

Is-sengħa fix-xogħol tal-kartapesta, daħal f'Malta minn Sqallija. L-ewwel Malti li ħadem xogħol fil-kartapesta kien Saver Laferla. Warajh kellna oħrajn bħal Anton Mifsud (1760-1830), Ġużeppi Vella (1802-1866), Vincenzo Cremona (1851-1912), u Ġlormu Darmanin (1834-1879). Kien hemm ukoll Ġużeppi Cilia u Karmenu Mallia (1869-1931), it-tnejn minn Ħal Qormi. Ġużeppi Cilia, kien għamel ħafna snin assistent ta' Carlo Darmanin. Kien hemm ukoll l-Għawdxi Wistin Camilleri (1885-1979) u tnejn minn uliedu, Alfred u Michael Camilleri Cauchi, għadhom jaħdmu f'dan il-qasam tax-xogħol u b'metodi ġodda sal-lum.

Ix-xogħol tal-kartapesta huwa differenti minn dak ta' l-iskultura fl-injam jew l-irħam. L-istatwarju tal-kartapesta jrid isawwar u jifforma l-figura billi jlibbisha u jiksiha bil-ġibs u b'dak kollu li jkun meħtieġ u jirfinaha sa ma tkun lesta minn kollox.

Fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ, hawn f'Ħal Qormi, insibu għadd ġmielu ta' vari sbieħ ta' Carlo Darmanin, fosthom anke xi vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Barra minn hekk, f'Ħal Qormi għandna statwi importanti li jżejnu t-toroq tagħna fil-festa ta' San Ġorġ Martri. Carlo Darmanin ma ħadimx vari u statwi għal Ħal Qormi biss, imma se nillimita ruħi għax-xogħlijiet tiegħu f'Ħal Qormi, kemm ġewwa l-knisja Arċipretali u kemm barra l-knisja.

Insibu dik tal-Madonna tar-Rużarju (1860), il-Kunċizzjoni (1890) u l-Anġlu tal-Blandun (1890). L-Anġlu tal-Blandun, għal min ma jafx, huwa dak l-anġlu li jżomm ix-xemgħa tal-Blandun fi żmien il-

Għid il-Kbir fuq il-Presbiterju maġenb l-altar maġġur. Ma jidhirlix li hawn xi wieħed ieħor simili fil-knejjes tagħna. Insibu wkoll il-korp ta' Santa Konsolata li jinsab taħt il-mejda ta' l-artal tal-Madonna tar-Rużarju.

Isem Carlo Darmanin huwa marbut ukoll mal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Insibu li Carlo, kien daħħal ideat ġodda għall-vari tal-Passjoni. Huwa kien daħħal figura ġdida bħal "Il-Bewsa ta' Ġuda" (1903), li damet unika f'Malta sal-1961. Il-Veronika, li issa tinsab inkorporata ma' grupp statwarju ieħor, xogħol Alfred Camilleri Cauchi. L-ort, naħseb li huwa xogħol Darmanin, (hawn min jaqbel u ma jaqbilx), għax Darmanin kien li daħħal l-idea taż-żewġ anġli, wieħed jikkonsla lil Kristu mitluq waqt l-agunija tiegħu fl-ort taż-żebbuġ u l-ieħor iżomm is-salib f'idu l-leminija u l-kalċi f'idu x-xellugija – vara verament sabiħa. Marija Addolorata u San Ġwann, għal mal-Kruċifissjoni (il-vara l-kbira). Dawn iż-żewġ vari flimkien ma' Kristu msallab fuq is-salib u Marija Maddalena taħt is-Salib ta' Kristu (li ma humiex xogħol Darmanin), jagħmlu din il-vara waħda mill-aqwa f'Malta.

Għall-armar ta' barra, nsibu statwi oħrajn, fosthom il-Gran Mastru Pinto, li jintrama fuq il-palk, anġli u qaddisin u tliet gruppi statwarji kbar fejn jidher San Ġorġ quddiem Dijoklezjanu, il-Martirju ta' San Ġorġ u San Ġorġ qed jippriedka.

Carlo Darmanin kien fratell tal-fratellanza tat-Trinità ta' l-Isla, belt twelidu. Huwa ġie midfun fl-oqbra ta' l-istess fratellanza fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata fil-qabar numru 67. Diżgrazzjatament, ma nsibu ebda rħama ta' tifkira fuq qabru. Fir-reġistri tal-fratellanza tat-Trinità insibu hekk miktub fuqu: "Ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata f'wieħed mill-oqbra tagħna li jġib in-numru 67. Kien ilu fratell, u f'żgħożitu kellu ħeġġa kbira. Ma kienx jonqos għal-laqgħat u lill-fratellanza kien iħobbha ħafna".

Nixtieq nikkoreġi żball li ġieli jidher f'kotba, jew fil-gazzetti jew fir-rivisti. Il-kompajżan tagħna l-istatwarju Giuseppe Cilia biss, kien l-uniku assistent jew lavrant li ħadem ma' Carlo Darmanin. Dam jaħdem 25 sena skond dikjarazzjoni stampata ta' Carlo Darmanin stess fil-ġurnal *Malta Tagħna* tal-31 ta' Marzu 1906, Carlo Darmanin iddikjara ċar u tond li Giuseppe Cilia minn Ħal Qormi kien l-uniku lavrant li ħadem miegħu. Giuseppe Cilia ħadem ma' Darmanin sad-data tal-mewt ta' Darmanin li kif għidna kienet ġrat fil-25 ta' Novembru 1909. Id-dikjarazzjoni ta' Carlo Darmanin iġġib id-data tal-24 ta' Marzu 1906, jiġifieri tliet snin qabel mewtu.

*Ħal Qormi* — *25 ta' Marzu 2000 (Festa tat-Tħabbira tal-Mulej)*






**REUBEN CASSAR** - *Alliev tal-Banda tagħna*

Din is-sena kien premjat il-Premju Internazzjonali Millenium Dreamer, organizzat mill-McDonalds International. Dan il-premju ħadu fuq il-Qlubija li kien wera meta għamel att umanitarju ma' ħuh Mark Anthony. Kienet il-qlubija li wasslitu biex ikun premjat kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment.

***Prosit u Awguri.***